MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 82/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Brincat talli f'diversi granet matul ix-xhur ta' Novembru u Dicembru 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas jaghti l-manteniment jew parti mill-istess manteniment dovut lil Veronica Brincat ghaliha u ghat-tfal minuri taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Brincat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u illiberatu minghajr kundizzjoni ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 izda ordnat li jhallas lil Veronica Brincat is-somma ta' mitejn liri Maltin (Lm200) bhala bilanc dovut ghall-perjodu indikat, ai termini ta' l-artikolu 337(3) tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Brincat pprezentat fit-28 ta' Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata tal-15 ta' Marzu 2005 in kwantu sabet lill-esponenti hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah minflok minn koll imputazzjoni w htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant fil-qosor huwa li l-prosekuzzjoni ma gabitx il-prova li huwa gie notifikat bid-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2004. Jghid li tali prova tispetta lill-prosekuzzjoni u mhux lid-difiza li taghmel il-prova negattiva li ma kinitx notifikata.

Id-digriet imsemmi huwa effettiv kontra l-appellant <u>ukoll</u> jekk ma giex notifikat lilu. F'dan il-kaz imbaghad hemm ix-xiehda ta' Veronica Brincat li ma gietx kontradetta li tghid li meta talbet il-flus lil zewgha, l-appellant, id-digriet qattghu u remihulha ma' wiccha.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------